# L-"indiċi ta' sostenibbiltà" tal-FKNK huwa fażull

L-hekk imsejjaħ "indiċi ta' sostenibbiltà" ppubblikat mill-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba - Malta (FKNK), li qed tipprova tbiegħ bħala prova li l-kaċċa tar-rebbiegħa hija sostenibbli, huwa nieqes minn kull kredibilità xjentifika u mhu xejn għajr pretensjonijiet qarrieqa u perikolużi għall-futur tal-għasafar slavaġ. Dan minbarra li huwa insult għal kull min fl-Ewropa ilu jistudja l-gamiem b'metodi xjentifici stabbiliti.

L-istħarriġ, tmexxa kompletament mill-FKNK stess, ibbażat fuq formoli mimlija minn kaċċaturi b'mod volontarju u mingħajr ebda superviżjoni indipendenti. Dan joħloq kunflitt ċar ta' interess u jqajjem dubji kbar dwar il-kredibilità tar-riżultati.

Il-metodu li użaw - jiġifieri jkejlu s-sostenibbiltà bħala l-perċentwal ta' għasafar li ma nqatlux - mhux xjentifiku u ma jagħti l-ebda stampa ta' popolazzjonijiet li diġà qed jonqsu. Għasfur li jiżgiċċa tir ta' kaċċatur ma jfissirx li l-ispeċi qed tiġi ppreservata. Is-sostenibiltà titkejjel fuq studji fit-tul ta' poplazzjonijiet fi stadji varji taċ-ċiklu tal-gamiema.

L-FKNK lanqas ma żvelat kemm ppartecipaw kaċċaturi, jekk kienx hemm kampjun rappreżentattiv jew kif ġiet analizzata d-dejta. Għodod xjentifiċi bażiċi bħal testijiet statistiċi (statistical tests), il-marġini ta' żball (error margins) jew 'confidence intervals' huma nieqsa u għalhekk ir-riżultati jibqgħu suġġetti għal manipulazzjoni. Dan l-istudju m'għandu l-ebda valur xjentifiku u juri biss kemm l-approċċ għax-xjenza tal-FKNK huwa dilettantesk.

Minkejja dan, l-istħarriġ qed jintuża bħala għodda ta' lobbying biex tiġġustifika politika li tpoġġi lill-gamiema u lis-summiena f'aktar periklu, f'kuntrast mal-obbligi ta' Malta taħt id-Direttiva tal-Għasafar tal-UE. Qed jintuża wkoll biex inessi l-attenzjoni minn żewġ kwistjonijiet kontroversjali li qed jiffaċċjaw għall-istaġun tal-kaċċa li jmiss. L-ewwel, ir-rakkomandazzjoni tal-EU Task Force dwar l-Irkupru tal-Għasafar biex tiġi sospiża l-kaċċa tal-gamiema matul is-sena kollha fir-rotta tal-passa, li Malta tibqa' tinjoraha. It-tieni, hemm nuqqas totali ta' kontroll fuq il-boroż tal-kaċċa, b'inqas minn 8% tal-kaċċaturi jirrapurtaw il-qabdiet tagħhom, li jnaqqas kull tentattiv biex jiġu stmati kemm qed jinqatel b'mod insostenibbli gamiem u summien.

BirdLife Malta tħeġġeġ lill-awtoritajiet u lill-pubbliku biex ma jaqgħux fin-nassa ta' dawn il-pretensjonijiet qarrieqa. Il-konservazzjoni vera trid tkun ibbażata fuq ix-xjenza u l-protezzjoni tal-ispeċi fil-periklu, mhux fuq lobbying. "L-FKNK għandha tiffoka l-isforzi tagħha biex tħeġġeġ lill-membri tagħha josservaw il-liġi, inkluż li jirrapurtaw il-qabdiet tagħhom u

jżommu 'l bogħod minn prattiċi mhux sostenibbli u illegali, bħal l-użu ta' għajjat elettroniku tal-għasafar biex b'mod artifiċjali jżidu s-suċċess tal-kaċċa," qal il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara.

"L-FKNK qed tipprova tirkeb fuq il-fehma li meta gidba tkun repetuta kontinwament din tista' tittieħed bħala verità, iżda BirdLife Malta hija determinata li tibqa' tgħid il-verità," żied il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta, Mark Sultana. "L-istat tal-gamiema, kif ikkonfermaw istituzzjonijiet xjentifiċi kredibbli, huwa vulnerabbli, l-ispeċi qiegħda tonqos u teħtieġ protezzjoni."

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org